# Id-drittijiet tiegħek meta tkun f’għassa tal-pulizija

GWIDA GĦAT-TFAL U Ż-ŻGĦAŻAGĦ

**Dan il-fuljett jagħtik informazzjoni importanti dwar id-drittijiet tiegħek meta tkun f’għassa tal-pulizija.** Id-drittijiet huma l-libertajiet u l-appoġġ li għandna lkoll kemm aħna, li huma protetti mil-liġi. Tfal taħt it-18-il sena għandhom xi drittijiet differenti minn tal-adulti, għalhekk dan il-fuljett jispjega xi drittijiet għandek.

**Li tkun taf u tifhem x’inhuma d-drittijiet tiegħek jista’ jgħinek biex tagħraf meta tkun qed tiġi ttrattat b’mod ġust.** Il-pulizija għandhom id-dmir li jipproteġuk mill-ħsara u li jieħdu ħsieb il-benessri tiegħek meta tkun fl-għassa tal-pulizija, anki jekk għandhom evidenza li tissuġġerixxi li stajt għamilt xi ħaġa biex tikkawża l-ħsara.

**Jekk jogħġbok aqra dan il-fuljett kemm jista’ jkun malajr.** Dan jgħinek meta tiġi biex tieħu xi deċiżjonijiet waqt li tkun f’għassa tal-pulizija. Il-persuna li tagħtik dan il-fuljett se toffrilek l-għajnuna biex taqrah u tifhmu. Huma se jistaqsuk ukoll jekk tixtieqx verżjoni differenti ta’ dan il-fuljett, bħal pereżempju f’lingwa differenti jew waħda li tkun aktar faċli biex tinqara.

Children and Young People’s Centre for Justice
STARR
Safer Scotland
Scottish Government

1. **Għandek id-dritt li tkun taf għaliex il-pulizija qed iżommuk fl-għassa.**

2. **Għandek id-dritt li tkun taf għaliex il-pulizija ħaduk fl-għassa.**





3. Lill-pulizija trid tagħtihom ismek, l-indirizz, id-data tat-twelid u n-nazzjonalità tiegħek, jekk taf x'inhuma.  Dawn huma l-uniċi mistoqsijiet li trid twieġeb. **Għandek id-dritt li ma twieġeb l-ebda mistoqsija oħra.**

4. **Għandek id-dritt li xi ħadd jiġi mgħarraf bil-fatt li int tinsab fl-għassa tal-pulizija.** Il-pulizija se jistaqsuk jekk tridhomx jinfurmaw lil xi ħadd li int tinsab hemm. Dan jista' jkun xi ħadd fil-familja tiegħek, is-sieħeb/sieħba tiegħek, il-persuna li tieħu ħsiebek, il-ħabib/a tiegħek jew kwalunkwe persuna oħra li taf. Jista' jkun li ma jkollokx permess biex tkellimhom. Jekk għandek taħt is-16-il sena, jew għandek ordni ta' superviżjoni obbligatorja, għandek id-dritt li jkollok xi ħadd miegħek fl-għassa tal-pulizija. Għandek id-dritt li jżurek ġenitur jew kustodju tiegħek fl-għassa tal-pulizija.

5. **Għandek id-dritt li jiġi mgħarraf avukat bil-fatt li int tinsab fl-għassa tal-pulizija.** Il-pulizija se jistaqsuk jekk tridhomx jinfurmaw lil xi avukat li int tinsab l-għassa. Dan jista' jkun l-avukat tiegħek jew l-avukat on-call inkella jiġi avżat avukat ieħor għalik. Dan hu bla ħlas.



6. **Inti għandek id-dritt li tkellem avukat fil-privat fi kwalunkwe ħin.** Dan hu bla ħlas.

7. **Għandek id-dritt li jkollok avukat preżenti jekk il-pulizija jintervistawk.** Dan hu bla ħlas.

8. **Jekk għandek inqas min 16-il sena, irid ikun hemm avukat preżenti meta jintervistawk il-pulizija, sakemm dan ma jitfax lil xi ħadd f'riskju.** Jekk għandek 16 jew 17-il sena u għandek ordni ta' superviżjoni obbligatorja, irid ikun hemm avukat preżenti meta jintervistawk il-pulizija, sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi eċċezzjonali.

9. **Għandek id-dritt għal għajnuna medika jekk tkun marid jew imweġġa'. Dan jinkludi għajnuna għas-saħħa mentali tiegħek.** Il-pulizija se jistaqsuk mistoqsijiet dwar is-saħħa u l-benessri tiegħek biex jaċċertaw li qed jittieħed ħsieb kif suppost tiegħek waqt li tkun l-għassa tal-pulizija. Huwa importanti li tgħid lill-pulizija jekk għandekx kundizzjoni medika li tista' taffettwak meta tkun fl-għassa. Il-pulizija jistgħu jitolbu li ssirlek żjara minn infermier jew tabib. Dan isir biex jaċċertaw li qed jittieħed ħsieb kif suppost tiegħek waqt li tkun fl-għassa tal-pulizija. Il-pulizija għandhom jistaqsuk jekk għandekx bżonn titkellem ma' tabib, infermier, jew professjonist ieħor tas-saħħa.

10. **Għandek id-dritt għall-ikel u x-xorb.** Tingħata l-ilma. Jekk tkun fl-għassa tal-pulizija għal aktar minn erba' sigħat, tiġi offrut l-ikel. Il-pulizija għandhom jistaqsuk jekk għandekx xi bżonnijiet tad-dieta speċifiċi mill-aktar fis possibbli.


CYCJ
Children and Young People's Centre for Justice
STARR
Safer Scotland
Scottish Government

# Aktar informazzjoni...

**Jekk għandek bżonn aktar għajnuna**
Jista' jkollok bżonn l-għajnuna biex tifhem x'qed jiġri meta tinsab fl-għassa tal-pulizija. Jekk għandek 16-il sena jew aktar, din l-għajnuna tista' tingħata minn persuna ta' appoġġ imħarrġa, imsejħa Adult Xieraq. Dan jista' jkun neċessarju jekk għandek diżabilità fit-tagħlim jew problema ta' saħħa mentali. Jekk il-pulizija jaħsbu li għandek bżonn l-għajnuna ta' Adult Xieraq, huma jgħidulu biex jiġi, anki jekk ma titlobx għalih inti.

**Is-servizz ta' interpretu biex jgħinek**
Hu importanti li tifhem dak li qed jingħad fl-għassa tal-pulizija. Jekk ma titkellimx jew ma tifhimx bl-Ingliż, il-pulizija se jġibu lil xi ħadd li jitkellem il-lingwa tiegħek biex jgħinek. Din il-persuna tissejjaħ interpretu. Dan hu bla ħlas.

**Għajnuna biex tikkomunika**
Ħafna nies isibuha diffiċli biex jifhmu dak li qed jiġri fl-għassa tal-pulizija. Il-pulizija għandhom jistaqsuk jekk għandekx bżonn l-għajnuna jew jekk għandek xi dubju fuq xi ħaġa. Għandhom joffrulek l-għajnuna meta tiġi biex taqra, jekk ikollok bżonnha. Jekk int trux jew ikollok problemi biex tikkomunika b'mod ċar, il-pulizija se jġibu lil xi ħadd biex jgħinek. Dan jista' jkun interpretu tal-BSL jew professjonist ieħor xieraq. Dan hu bla ħlas.

**Jekk m'intix Brittaniku**
Jekk m'intix ċittadin Brittaniku, il-pulizija għandhom joffru li jikkuntattjaw lill-Kummissjoni Għolja, l-Ambaxxata jew il-Konsolat tiegħek, biex jgħidulhom fejn int u għaliex qiegħed fl-għassa tal-pulizija. Imbagħad jista' jiġi jżurek xi ħadd fil-privat u jagħmel arranġamenti biex jiġi jarak avukat.

**X'jiġri jekk tiġi akkużat jew tiddaħħal l-għassa tal-pulizija fuq mandat?**
Jekk tiġi akkużat b'reat, jista' jkun li jħalluk titlaq, jew tista' tinżamm fl-għassa tal-pulizija u titressaq il-qorti fl-aktar ġurnata qrib li tkun possibbli. Jekk tressaqt l-għassa tal-pulizija fuq mandat, tista' tinżamm u titressaq il-qorti fl-aktar ġurnata qrib li tkun possibbli. F'xi sitwazzjonijiet, tista' titħalla tmur id-dar.

**Għal kemm tista' tinżamm taħt kustodja?**
Il-pulizija jistgħu jżommuk taħt kustodja sa 12-il siegħa mingħajr ma jakkużawk b'reat. Il-pulizija jistgħu jestendu l-ħin sa massimu ta' 24 siegħa, iżda dan iseħħ biss bl-approvazzjoni ta' uffiċjal anzjan tal-pulizija. Għandek id-dritt li tikkummenta dwar din id-deċiżjoni, inkella tista' tagħżel li l-avukat tiegħek ikellem lill-pulizija f'ismek.

**Aċċess għal dokumenti**
Jekk il-każ tiegħek jitressaq il-qorti, int jew l-avukat tiegħek se tingħataw nota tal-provi fil-każ. Dan sabiex int jew l-avukat tiegħek tippreparaw id-difiża tiegħek. Għandek id-dritt li din l-informazzjoni tiġi tradotta, jew għall-inqas li jiġu tradotti l-partijiet rilevanti ta' dokumenti importanti jekk ma tifhimx l-Ingliż.

# Aktar informazzjoni...

**Informazzjoni dwar id-dritt ta' aċċess għal avukat**

- Il-pulizija se jistaqsuk jekk tridx titkellem ma' avukat. Il-pulizija se jikkuntattjawlek avukat mill-aktar fis possibbli.
- Inti jista' jkollok konversazzjoni privata ma' avukat fi kwalunkwe ħin. Dan jista' jisr fuq it-telefon, jew jistgħu jiġu u jarawk fl-għassa tal-pulizija.
- Li titkellem ma' avukat hija komuni, u ma jfissirx li bħallikieku għamilt xi ħaġa ħażina.
- Xogħol l-avukat huwa li jipproteġi d-drittijiet tiegħek u jagħtik pariri dwar il-liġi.
- Tista' tagħżel li tkellem avukat li taf jew avukat li l-pulizija jkunu jistgħu jpoġġu f'kuntatt miegħek biex tkellmu – dan l-avukat jissejjaħ avukat on-call. L-avukat on-call huwa indipendenti u ma jaħdimx għall-pulizija.
- Jekk il-pulizija jintervistawk, jistaqsuk jekk tixtieqx avukat fil-kamra miegħek meta dan iseħħ.
- Il-pulizija normalment ma jitħallewx jintervistawk mingħajr avukat jekk int tlabt li jkun hemm avukat fil-kamra miegħek.
- Tista' tbiddel fehmtek dwar li tkellem avukat u tista' titlob li jkollok avukat fi kwalunkwe ħin. Għid lill-pulizija mill-aktar fis possibbli u jikkuntattjaw avukat għalik.
- Jekk l-avukat ma jiġix l-għassa tal-pulizija fil-ħin li qal li ġej, jew ikollok bżonn terġa' titkellem mal-avukat, tista' titlob lill-pulizija biex jerġgħu jikkuntattjawh. Il-pulizija ma għandhom l-ebda awtorità dwar meta l-avukat jasal l-għassa ladarba jiġi kkuntattjat. Il-pulizija tista' taqsam il-ħsibijiet u x-xewqat tiegħek ma' dan l-avukat, jekk trid.

**Id-dritt tiegħek li tilmenta**

- Għandek id-dritt li tilmenta dwar il-mod kif ġejt ittrattat mill-pulizija.
- Jekk tilmenta dwar Police Scotland dan mhux se jpenġik f'dell ikrah.
- Tista' tagħmel ilment meta tkun f'kustodja.
- Jekk trid tilmenta meta tkun f'kustodja, staqsi biex titkellem ma' spettur jew xi ħadd ta' grad ogħla.
- Jekk trid tilmenta wara li tinħeles, tista' tmur fi kwalunkwe għassa tal-pulizija.
- Jekk weġġgħek uffiċjal tal-pulizija waqt l-arrest tiegħek jew fil-kustodja tal-pulizija għandek tilmenta mad-Dipartiment tal-Istandards Professjonali ta' Police Scotland.
- Biex tilmenta ċempel fuq 101 jew mur fl-għassa tal-pulizija lokali tiegħek.
- Jekk trid, tista' tgħid lil xi ħaddieħor biex jagħmel ilment f'ismek ukoll. Jista' jkun ġenitur, ħabib/a, sieħeb/sieħba jew xi ħadd li tafda. Trid tagħtihom il-permess bil-miktub tiegħek.

Dan il-fuljett ġie koprodott minn membri ta' STARR, l-uniku spazju kkurat fl-Iskozja għal nies b'esperjenza ta' kura sigura, bi sħubija maċ-Ċentru għall-Ġustizzja tat-Tfal u ż-Żgħażagħ (CYCJ - Children and Young People's Centre for Justice) u l-Gvern Skoċċiż. 'Id-dritt tiegħek li tilmenta' ġie adattat minn People First Scotland.

Għal aktar informazzjoni u appoġġ żur **justtherightspace.org**

© Crown copyright 2023

Children and Young People's Centre for Justice

Safer Scotland
Scottish Government